MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru. 19/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Robert Borg ta' 20 sena, iben Michael u Josephine nee` Gerada, imwieled il-Pieta' nhar it-03 ta' Dicembru 1989, detentur tal-karta ta' l-identita `numru 405389(M) u residenti gewwa Block D, Flt 57, Marshalll Courts, Gzira.**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Robert Borg li gie akkuzat talli f'xi guranata matur ix-xahar ta' Mejju 2009 u Lulju 2009, minn gewwa l-fond 91, Triq ix-Xatt, Sliema, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' ghodda tad-dawl, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin

centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin dan ghad-detriment ta' Charlie Borg u/jew persunai ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat u il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat , il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija flo-investigazzjonijiet taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------